**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 28 ta` Jannar 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**LYDON CUTAJAR**

Kump Nru 515/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Lydon Cutajar**, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **287490(M)** gie akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2011 ghall-habta tat-03:30am, gewwa 'Gianpula Disco', limiti tar-Rabat Malta, u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunjat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Omar Borg, detentur ta' numru tal-karta tal-identita` 478191(M), ikkagunjat offiza gravi fuq il-persuna ta' Omar Borg, detentur ta' numru tal-karta tal-identita` 478191(M) hekk kif iccertifika Dr.C.Camenzuli M.D tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214,215,216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema offiza giet maghmula b'arma regulari inkella bi strument li jaqta jew iniggez ai termini tal-artikolu 217 u 64 tal-Kap 9;

2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hija mitluba ukoll illi fil-kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati il-garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 u l-Ordni ta' Protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li l-Qorti jidrilha huma xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-14 ta` Novembru 2012 (ara *folio* 147) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 148);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta sodisfacentement illi fil-lejl in kwistjoni, precizament nhar is-17 ta` April 2011 ghall-habta ta` 03.30am, l-imputat kien, flimkien ma xi hbieb, gewwa l-istabbiliment tad-divertiment bl-isem "Gianpula" fil-limiti tar-Rabat, Malta.

Mhux ikkontestat illi f'mument minnhom l-imputat u Omar Borg gew tant u verament qrib xulxin. X'wassal ghal dan l-inkontru, li sa issa ghadu ma pprecipitax f'wiehed fizikament vjolenti, mhux wisq maghruf. Hemm verzjoni li tghid li xi persuni hbieb ta` l-imputat riedu u effettivament kellmu lil certu Thomas Camilleri (li kien fil-kumpanija ta` Omar Borg) dwar flus dovuti. Verzjoni ohra tghid li dan Omar Borg gie minn imkien u hadd ma jaf kif wegga.

Omar Borg jidentifika lill-imputat bhala l-persuna li taghtu d-daqqa bil-flixkun tal-Heineken. Il-verzjoni tieghu dejjem hekk baqghet.

L-imputat, filwaqt li jistqarr li f'mument minnhom gew, hu u Omar Borg, ras ma ras – fi kliemu stess 'mohh ma mohh' - jiddikjara li ma jafx kif sofra l-griehi Omar Borg. Huwa jichad li kien ta daqqa bi flixkun lil Omar Borg.

Dwar il-feriti, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-medici, ghac-certifikat mediku esebit u ghar-rapport ta` l-espert nominat Dr. Mario Scerri u tippuntwalizza illi r-rizultanzi - "***laceration wound on bridge of nose, vertical 3cm in length with skin loss***" u "***rizultat ta` dan l-incident dan kellu cikkatrici fuq wiccu u fuq il-bridge ta` l-imnieher liema cikkatrici tibqa marka permanenti fil-wicc …. tal-wicc hija lezjoni ta` natura gravi ghar-raguni li tibqa bhala marka permanenti u sfiguranti fil-wicc.***" – jaqghu perfettament fil-parametri ta` l-Artikolu 218 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Mhux kull konflitt ta` provi necessarjament igib il-liberazzjoni ta` l-imputat li jkun. Fl-analizi tal-provi, l-Qorti li tkun trid tuza l-buon sens. Ukoll, il-Qorti tista temmem xhud f'kollox li jghid, tista ma temmnu f'xejn, u tista temmnu f'bicca. Apparti wkoll li l-Qorti trid tara sew il-provi korroborattivi li jkollha quddiemha.

F'dan il-kaz, id-domanda hi – il-provi dwar il-ferita gravi, il-prova xjentifika li saret u li ghaliha saret referenza aktar 'l fuq, effettivament tikkorrobora l-verzjoni ta` Omar Borg, li qal li qala daqqa ta` flixkun mill-imputat, jew tikkorrobora l-verzjoni ta` l-imputat li jghid li vera gew, hu u Omar Borg mohh ma mohh, izda jichad li ta daqqa ta` flixkun lil Omar Borg?

**Ikkunsidrat**;

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali kollha, partikolarment izda mhux biss, id-depozizzjonijiet tax-xhieda Omar Borg (a folios 31 u 173), Dr. Mario Scerri (a folio 80), Dr. Chris Camenzuli (a folio 110), Thomas Camilleri (a folio 120), Lydon Cutajar (a folio 179) u Ryan Refalo (a folio 201), u c-certifikat mediku (a folio 6), din il-Qorti hi tal-fehema li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

Il-ferita gravi rizultanti hija kompatibbli ma daqqa ta` flixkun tal-hgieg.

Minn naha l-ohra, wara konsiderazzjoni xierqa, din il-Qorti hi tal-fehema li definittivament ma jirrizultawx mill-atti, almenu sal-grad tal-probabbli, l-estremi tar-rissa, difiza mressqa mill-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena din il-Qorti qieset, fost ohrajn, li llum l-imputat ghandu familja u jidher li jinsab fit-triq it-tajba, u li l-vittma Omar Borg, permezz ta` nota ta` l-4 ta` Novembru 2015, iddikjara li kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli u li ma kellu ebda pretensjoni fil-konfront ta` l-imputat Lydon Cutajar.

Din il-pozizzjoni li ha Omar Borg ghandha piz sostanzjali meta l-Qorti tigi ghall-kalibrazzjoni tal-piena.

Izda, minkejja dan, u minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Konkluzjoni;**

**DECIDE**

Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 64, 214, 215, 216, 217, 218(1)(b) 382A, 383, 384, 386, 412C, 338(dd) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil **Lydon Cutajar** hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn

izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Lydon Cutajar, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €201.45 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Dr. Mario Scerri. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

**Ordni skond l-Artikoli 412C u 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl ta` l-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` Omar Borg, u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Lydon Cutajar billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Lydon Cutajar milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil Lydon Cutajar milli jimmolesta lill-persuna msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur